# Stqarrija

## BirdLife Malta tingħaqad mal-komunità ta' Ħal Luqa fi tħawwil simboliku ta' siġar

BirdLife Malta tat b'donazzjoni tliet siġriet indiġeni lill-komunità ta' Ħal Luqa. Iż-żewġ siġriet Alaternu u siġra oħra Deru, tħawwlu f'Misraħ iż-Żgħażagħ b'kollaborazzjoni mal-kunsill lokali ta' Ħal Luqa u mal-iskola primarja ta' Ħal Luqa, Kulleġġ San Injazju nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 2025.

L-attività bdiet fl-iskola primarja ta' Ħal Luqa li tipparteċipa bi ħġarha fil-programm edukattiv ta' BirdLife Malta, Dinja Waħda. Hemmhekk, membri minn BirdLife Malta tkellmu ma' studenti tar-raba' sena tal-primarja dwar l-importanza tas-siġar kemm għan-natura kif ukoll għall-bnedmin.

Wara l-istudenti mxew sa Misraħ iż-Żgħażagħ u flimkien mas-Sindku ta' Ħal Luqa John Schembri ħawwlu dawn it-tliet siġriet. Is-Sur Schembri rringrazzja lil BirdLife Malta għall-għotja ta' dawn it-tliet siġriet indiġeni biex jitħawwlu fil-lokalità. "Attività ta' din ix-xorta tirrifletti ferm tajjeb fuq l-andament tal-Kunsill li permezz ta' din l-inizjattiva min-naħa ta' BirdLife Malta, inkunu qed nipproteġu u nsaħħu l-ambjent naturali tar-raħal tagħna," qal is-Sindku ta' Ħal Luqa, John Schembri.

L-istudenti ukoll ħadu pjaċir li pparteċipaw f'din l-attività u ħadu magħhom għarfien akbar tal-importanza li għandhom is-siġar inkluż dawk li jżewwqu l-iskola tagħhom. Wara li ħawwlu dawn it-tliet siġriet, l-istudenti rħewlha lejn l-iskola fejn ħawwlu wkoll numru ta' pjanti indiġeni fil-ġonna tal-iskola.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta, Mark Sultana, qal li "dan il-ġest simboliku iżda sinifikanti ħafna, jgħaqqad flimkien l-aspetti kollha tax-xogħol tagħna fil-komunità. F'Ottubru li għadda, resident f'Ħal Luqa talab l-għajnuna tagħna wara li siġra kienet qed tinqata'. Meta għamilna kuntatt mal-Kunsill Lokali, spjega li kienet miżura ta' saħħa u sigurtà, peress li s-siġra kienet qed tikkostitwixxi periklu serju. Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien issejjaħ fuq il-post biex ineħħi s-siġra b'mod sigur. Minn hemm nibtet din l-idea—impenjajna ruħna mal-istudenti biex nissostitwixxu din is-siġra adulta bi tlieta oħra iżgħar, bit-tama li jikbru f'siġar maturi u b'saħħithom, li joffru benefiċċji kemm għall-bijodiversità urbana kif ukoll

għar-residenti ta' Ħal Luqa." Hu rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li mill-ewwel appoġġaw din l-inizjattiva kif ukoll lill-proġett 'Grow 10 Trees' li taw b'donazzjoni waħda mis-siġar tal-Alaternu għal din l-attività.

Misraħ iż-Żgħażagħ huwa spazju miftuħ li jitgawda minn ħafna residenti Luqin u jinkludi fost oħrajn bandli għat-tfal u l-klabb tal-boċċi tal-lokalità. Din l-attività hija parti mill-missjoni ta' BirdLife Malta li mhux biss tħares u tikkonserva l-għasafar u l-ambjent naturali tagħhom imma wkoll tqarreb aktar lill-komunitajiet lejn in-natura.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/